SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Ottubru 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Modalitajiet tar-rimbors tal-VAT għal persuni taxxabbli li ma humiex stabbiliti fl-Istat Membru ta' rimbors – Direttiva 2008/9/KE – Artikolu 20(1) – Talba għal informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru ta' rimbors – Elementi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' talba għal informazzjoni addizzjonali – Nuqqas ta' qbil bejn l-ammont li jinsab fuq it-talba għal rimbors u l-ammont li jinsab fuq il-fatturi prodotti – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Prinċipju ta' newtralità tal-VAT – Terminu ta' dekadenza – Konsegwenzi fuq ir-rettifika tal-iżball tal-persuna taxxabbli"

Fil-Kawża C-396/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Lulju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Lulju 2020, fil-proċedura

CHEP Equipment Pooling NV

vs

Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, President tat-Tieni Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, J. Passer, F. Biltgen, L. S. Rossi u N. Wahl (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal CHEP Equipment Pooling NV, minn Sz. Vámosi-Nagy, ügyvéd,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M.Z. Fehér u R. Kissné Berta, bħal aġemti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Jokubauskaitė u Zs. Teleki, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor (ĠU 2008, L 44, p. 23).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn CHEP Equipment Pooling NV u n-Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága (id-Direttorat tal-Appelli tal-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana, l-Ungerija) dwar id-deċiżjoni tiegħu li tilqa' biss parzjalment talba għar-rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2008/9/KE

3 Il-premessi 1 u 2 tad-Direttiva 2008/9 huma redatti kif ġej:

"(1) Jinħolqu problemi konsiderevoli, kemm għall-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri kif ukoll għan-negozji, meta jiġu implimentati regoli stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 79/1072/KEE tas-6 ta' Diċembru 1979 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward taxxi fuq id-dħul – Arranġamenti għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż (ĠU 1979, L 331, p. 11).

(2) L-arranġamenti stabbiliti f'dik id-Direttiva għandhom jiġu emendati għall-perijodu li matulu d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw applikazzjonijiet għal rifużjoni jiġu notifikati lin-negozji. Fl-istess ħin, għandu jkun stabbilit li n-negozji wkoll għandhom jagħtu tweġibiet f'perijodi speċifikati. Barra minn hekk, il-proċedura għandha tiġi ssimplifikata u mmodernizzata billi tippermetti l-użu ta' teknoloġiji moderni."

4 Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/9:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' rifużjoni' tfisser persuna taxxabbli fis-sens ta' l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva [tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60),] li ma tkunx stabbilita fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

(2) 'Stat Membru ta' rifużjoni' tfisser l-Istat Membru li fih il-VAT kienet imposta lil persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' rifużjoni fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi fornuti lilha minn persuni oħra taxxabbli f'dak l-Istat Membru jew fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' oġġetti f'dak l-Istat Membru;

[…]

(4) 'applikazzjoni għal rifużjoni' tfisser l-applikazzjoni għal rifużjoni ta' VAT imposta fl-Istat Membru ta' rifużjoni mingħand persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' rifużjoni fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi fornuti lilha minn persuni oħra taxxabbli f'dak l-Istat Membru jew fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' oġġetti f'dak l-Istat Membru;

[…]"

5 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/9 jistipula:

"Kull Stat Membru għandu jirrimborża lil kwalunkwe persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' rifużjoni kwalunkwe VAT imposta fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi fornuti lilha minn persuni oħra taxxabbli f'dak l-Istat Membru jew fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' oġġetti f'dak l-Istat Membru, sakemm tali oġġetti u servizzi jintużaw għall-finijiet tat-transazzjonijiet li ġejjin:

(a) it-transazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 169(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112/KE;

(b) it-transazzjonijiet lil persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT skond l-Artikoli 194 sa 197 u l-Artikolu 199 tad-Direttiva 2006/112/KE kif applikat fl-Istat Membru ta' rifużjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-jedd għal rifużjoni ta' taxxa fuq id-dħul għandu jiġi ddeterminat skond id-Direttiva 2006/112/KE kif applikat fl-Istat Membru ta' rifużjoni."

6 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/9 jipprevedi kif ġej:

"Sabiex tirċievi rifużjoni tal-VAT fl-Istat Membru ta' rifużjoni, il-persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' rifużjoni għandha tindirizza applikazzjoni elettronika għal rifużjoni lil dak l-Istat Membru u tippreżentaha lill-Istat Membru li fih hija stabbilita permezz tal-portal elettroniku stabbilit minn dak l-Istat Membru."

7 L-Artikolu 8(2)(e) ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"[…] l-applikazzjoni għal rifużjoni għandha tindika, għal kull Stat Membru ta' rifużjoni u għal kull fattura jew dokument ta' importazzjoni, id-dettalji li ġejjin:

[…]

(e) l-ammont taxxabbli u l-ammont tal-VAT imniżżlin fil-munita ta' l-Istat Membru ta' rifużjoni;

[…]"

8 Skont l-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva:

"1. L-applikazzjoni għal rifużjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Istat Membru ta' stabbiliment sat-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' wara l-perijodu ta' rifużjoni. L-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata li ġiet ippreżentata biss jekk l-applikant ikun mela l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt l-Artikoli 8, 9 u 11.

[…]

2. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jibgħat lill-applikant konferma elettronika li jkun irċeviha mingħajr dewmien."

9 L-Artikolu 18 tal-istess direttiva jistipula:

"1. L-Istat Membru ta' stabbiliment m'għandux jibgħat l-applikazzjoni lill-Istat Membru ta' rifużjoni fejn, waqt il-perijodu ta' rifużjoni, kwalunkwe ċirkostanza minn dawn li ġejjin tkun tapplika għall-applikant fl-Istat Membru ta' stabbiliment:

(a) huwa ma jkunx persuna taxxabbli għall-finijiet tal-VAT;

(b) iwettaq provvisti ta' merkanzija jew ta' servizzi li huma eżenti mingħajr xi jedd ta' deduzzjoni tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti skond l-Artikoli 132, 135, 136, 371, l-Artikoli 374 sa 377, l-Artikolu 378(2)(a), l-Artikolu 379(2) jew l-Artikoli 380 sa 390 tad-Direttiva 2006/112/KE jew dispożizzjonijiet li jipprovdu eżenzjonijiet identiċi li jinsabu fl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005;

(ċ) huwa kopert mill-eżenzjoni għall-intrapriżi żgħar prevista fl-Artikoli 284, 285, 286 u 287 tad-Direttiva 2006/112/KE;

(d) huwa kopert mill-iskema ta' rata fissa komuni għall-bdiewa prevista fl-Artikoli 296 sa 305 tad-Direttiva 2006/112/KE.

2. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jinnotifika b'mezz elettroniku lill-applikant dwar id-deċiżjoni tiegħu magħmula skond il-paragrafu 1."

10 L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/9 jipprevedi:

"1. L-Istat Membru ta' rifużjoni għandu jinnotifika lill-applikant mingħajr dewmien, b'mezz elettroniku, bid-data li fiha tiġi rċevuta l-applikazzjoni.

2. L-Istat Membru ta' rifużjoni għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu li japprova jew jirrifjuta l-applikazzjoni għal rifużjoni fi żmien erba' xhur minn meta din tiġi riċevuta minn dak l-Istat Membru."

11 L-Artikolu 20(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi li:

"Fejn l-Istat Membru ta' rifużjoni jikkunsidra li huwa m'għandux l-informazzjoni rilevanti kollha sabiex jieħu deċiżjoni fir-rigward ta' l-applikazzjoni għal rifużjoni sħiħa jew ta' parti minnha, huwa jista' jitlob, b'mezz elettroniku, għal informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari mill-applikant jew mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment, fi żmien il-perijodu ta' erba' xhur imsemmi fl-Artikolu 19(2). Fejn l-informazzjoni addizzjonali tintalab minn xi ħadd ieħor minbarra l-applikant jew awtorità kompetenti ta' Stat Membru, it-talba għandha ssir biss b'mezz elettroniku jekk dan il-mezz ikun disponibbli għar-riċevitur tat-talba.

Jekk meħtieġ, l-Istat Membru ta' rifużjoni jista' jitlob aktar informazzjoni addizzjonali.

L-informazzjoni mitluba skond dan il-paragrafu tista' tinkludi l-preżentazzjoni ta' l-oriġinal jew ta' kopja tal-fattura rilevanti jew dokument rilevanti ta' importazzjoni fejn l-Istat Membru ta' rifużjoni jkollu dubbji raġonevoli rigward il-validità jew il-preċiżjoni ta' talba partikolari. F'dak il-każ, il-limiti msemmijin fl-Artikolu 10 m'għandhomx japplikaw."

Id-Direttiva 2006/112/KE

12 Skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2006/112:

"Il-prinċipju tas-sistema komuni ta' VAT tinvolvi l-applikazzjoni ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum fuq merkanzija u servizzi li hi eżattament proporzjonali għall-prezz tal-merkanzija u s-servizzi, ikunu kemm ikunu t-transazzjonijet li jkunu saru fil-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni qabel l-istadju li fih hi imposta t-taxxa.

Fuq kull transazzjoni, il-VAT, kalkulata fuq il-prezz tal–merkanzija jew tas-servizzi bir-rata applikabbli għat-tali merkanzija jew servizzi, għandha tkun imposta wara t-tnaqqis ta' l-ammont tal-VAT li qed jingarr direttament mid-diversi komponenti tal-prezz.

Is-sistema komuni tal-VAT għandha tkun applikata sa l-istadju tal-kummerċ bl-imnut (dan l-istadju inkluż)."

13 L-Artikolu 171(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Għandha ssir rifużjoni tal-VAT lil persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti fl-Istat Membru li fih jixtru merkanzija u servizzi jew jimpurtaw merkanzija soġġetti għall-VAT, imma li huma stabbiliti fi Stat Membru ieħor, skond ir-regoli dettaljati stabbiliti fid-Direttiva [2008/9]."

Id-dritt Ungeriż

14 L-Artikolu 249 tal-általános forgalmi adóról szóló 2007. évi CXXVII. törvény (il-Liġi Nru CXXVII tal-2007 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) (*Magyar Közlöny* 2007/155, (XI. 16.), iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-VAT") jipprevedi li r-rimbors tal-VAT lill-persuna taxxabbli mhux stabbilita fit-territorju Ungeriż issir fuq talba bil-miktub. Skont l-Artikolu 251/E ta' din il-liġi, l-awtorità fiskali għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha f'terminu ta' erba' xhur.

15 Skont l-Artikolu 251/F tal-imsemmija liġi, l-awtorità tat-taxxa tista' titlob bil-miktub informazzjoni addizzjonali mingħand il-persuna taxxabbli mhux stabbilita fit-territorju Ungeriż u, b'mod partikolari, titlobha l-oriġinali jew kopja ċċertifikata konformi tal-fattura jekk ikun hemm dubji raġonevoli f'dak li jirrigwarda l-bażi legali tar-rimbors jew l-ammont tal-VAT li għandu jiġi rrimborsat.

16 Skont l-Artikolu 127(1)(a) tal-istess liġi, il-persuna taxxabbli għandu jkollha fattura maħruġa f'isimha, li tiċċertifika li t-tranżazzjoni twettqet.

17 L-Artikolu 120 tal-Liġi dwar il-VAT jistipula:

"Sakemm l-oġġetti u s-servizzi huma użati, jew operati b'mod ieħor mill-persuna taxxabbli - u f'din il-kwalità - sabiex jitwettqu kunsinni ta' oġġetti jew provvisti ta' servizzi taxxabbli, din il-persuna għandha tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont tat-taxxa li għandha tħallas:

a) it-taxxa li ġiet iffatturata lilha minn persuna taxxabbli oħra — inkluża kull persuna jew entità suġġetta għal taxxa sempliċi fuq il-kumpanniji — fl-okkażjoni tal-akkwist ta' oġġetti jew tal-użu ta' servizzi;

[…]"

18 Skont l-Artikolu 4(2)(e) tal-belföldön nem letelepedett adóalanyokat a Magyar Köztársaságban megillető általánosforgalmiadó-visszatéríttetési jognak, valamint a belföldön letelepedett adóalanyokat az Európai Közösség más tagállamában megillető hozzáadottértékadó-visszatéríttetési jognak érvényesítésével kapcsolatos egyes rendelkezésekről szóló 32/2009. (XII. 21.) PM rendelet (id-Digriet 32/2009 (XII. 21.) fir-Rigward ta' Ċerti Dispożizzjonijiet dwar l-Eżerċizzju tad-Dritt għar-Rimbors tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fir-Repubblika tal-Ungerija tal-Persuni Taxxabbli Mhux Stabbiliti fit-Territorju Nazzjonali Kif Ukoll id-Dritt għar-Rimbors tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fi Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea ta' Persuni Taxxabbli Stabbiliti fl-Ungerija) (*Magyar Közlöny* 2009/188.), it-talba għal rimbors imressqa minn persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru ieħor għandha ssemmi l-bażi u l-ammont tal-VAT għal kull fattura suġġetta.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

19 CHEP Equipment Pooling, kumpannija rregolata taħt id-dritt Belġjan suġġetta għall-VAT, teżerċita l-attività tagħha fis-settur tal-loġistika u hija speċjalizzata fil-kummerċjalizzazzjoni ta' paletti. Wara li xtrat, fl-Ungerija, paletti li sussegwentement kriet lis-sussidjarji tagħha fi Stati Membri differenti, fit-28 ta' Settembru 2017, hija ressqet lill-awtoritajiet Ungeriżi, fil-kwalità tagħha ta' persuna taxxabbli għall-VAT fil-Belġju, talba għar-rimbors tal-VAT tal-input imħallsa, li kienet tirrigwarda oġġetti u servizzi akkwistati bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2016.

20 Din it-talba kienet akkumpanjata, minn naħa, minn rendikont tal-VAT li kien jinkludi tmien kolonni, intitolati "numru tal-fattura", "data tal-fatturazzjoni", "emittent tal-fattura", "bażi tat-taxxa", "taxxa", "taxxa mnaqqsa", "isem" u "kodiċijiet", kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-fatturi msemmija fid-dikjarazzjoni.

21 Wara li kkonstatat li r-rendikont kien xi kultant jirreferi għal fatturi li għalihom il-VAT kienet diġà tħallset lura u li barra minn hekk irrimarkat diskrepanzi bejn l-ammonti tal-VAT li jinsabu f'dan ir-rendikont u dawk imsemmija fil-fatturi li kienu mehmuża magħha, fejn l-ammont iffatturat kien f'ċerti każijiet inqas minn dak imniżżel fl-imsemmi rendikont u f'każijiet oħra ogħla, l-awtorità fiskali tal-ewwel grad talbet lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fit-2 ta' Novembru 2017, tipprovdilha provi addizzjonali, jiġifieri d-dokumenti u d-dikjarazzjonijiet dwar it-twettiq tal-avveniment ekonomiku rigward 143 fattura.

22 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkomunikat lill-awtorità fiskali tal-ewwel grad l-ordnijiet għall-paletti maħruġa minnha lejn it-trasportatur, il-kuntratt ta' bejgħ konkluż ma' dan tal-aħħar, il-kuntratt ta' kiri ta' paletti konkluż bejnha u CHEP Magyarország, il-fatturi indirizzati lil din l-aħħar kumpannija fir-rigward tal-kiri tal-paletti, il-fatturi maħruġa minnha lejn il-klijenti u l-lista tal-postijiet fejn jinsabu effettivament il-paletti.

23 Wara eżami tad-dokumenti addizzjonali kkomunikati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-awtorità fiskali tal-ewwel grad, permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2017, laqgħet it-talba għar-rimbors tal-VAT għas-somma ta' HUF 254 636 343 (madwar EUR 826 715 f'dak iż-żmien). Min-naħa l-oħra, hija ħalliet għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali l-piż tas-somma ta' HUF 92 803 004 (madwar EUR 301 300 f'dak iż-żmien). Din l-awtorità identifikat tliet kategoriji ta' talbiet. Fil-fatt, l-ewwel, hija rrifjutat li tilqa' t-talbiet li diġà taw lok għal rimbors. It-tieni, fir-rigward tat-talbiet li l-ammont tal-VAT tagħhom kien ogħla minn dak li jidher fuq il-fattura korrispondenti, hija għamlet rimbors biss sal-ammont li jidher fuq il-fattura. It-tielet, fir-rigward tat-talbiet li l-ammont tal-VAT tagħhom kien inqas minn dak li jidher fuq il-fattura korrispondenti, hija għamlet rimbors għall-ammont biss li kien jidher fuq it-talba għal rimbors.

24 Permezz ta' lment imressaq kontra din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostniet, fir-rigward tat-tielet kategorija tat-talbiet, li l-ammont tal-VAT fuq il-fatturi kien jagħtiha, teoretikament, dritt għar-rimbors tal-VAT ikbar minn dak li hija stess kienet applikat fir-rendikont.

25 Id-Direttorat tal-Appelli tal-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u d-Dwana kkonferma d-deċiżjoni tal-awtorità fiskali tal-ewwel grad. Huwa spjega li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma setgħetx tikkoreġi żball relatat mal-ammont tat-talba inizjali tagħha għal rimbors mingħajr ma din il-korrezzjoni tikkostitwixxi talba ġdida. Issa, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet prekluża milli tressaq tali talba, peress li t-terminu għal tali att kien jiskadi fit-30 ta' Settembru 2017, jiġifieri, f'dan il-każ, jumejn wara t-tressiq tat-talba tagħha. Hija żiedet li l-awtorità fiskali tal-ewwel grad ma kinitx obbligata li titlobha informazzjoni addizzjonali oħra, peress li l-fatti tal-kawża prinċipali kienu faċli sabiex jiġu stabbiliti.

26 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors quddiem il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), il-qorti tal-ewwel istanza.

27 Din il-qorti tal-ewwel istanza ċaħdet l-appell. Hija esponiet li d-dritt għar-rimbors, l-introduzzjoni tal-proċedura u d-determinazzjoni tal-ammont tal-VAT ikkonċernat mill-imsemmi rimbors kienu jiddependu mill-persuna taxxabbli nnifisha u li tilqa' rikors bħal dak ippreżentat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jċaħħad il-mekkaniżmu tat-talba għal rimbors mis-sens tiegħu, peress li jkun biżżejjed għall-persuna taxxabbli li tinkludi l-fatturi li fuqhom huwa bbażat id-dritt għar-rimbors u, ħlief fil-każ ta' talba għall-prorata, l-amministrazzjoni fiskali tkun fi kwalunkwe każ obbligata tirrimborsa l-ammont massimu tal-VAT li jikkorrispondi għall-fatturi.

L-imsemmija qorti żiedet li l-imsemmija amministrazzjoni kienet obbligata tuża l-possibbiltà li titlob informazzjoni addizzjonali biss jekk din kienet neċessarja sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni fondata jew jekk ma jkollhiex informazzjoni essenzjali, li ma kienx il-każ hawnhekk.

28 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellat quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija), billi sostniet, b'mod partikolari, li l-qorti tal-ewwel istanza kienet kisret il-prinċipju ta' newtralità tal-VAT stabbilit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2006/112.

29 Il-qorti tar-rinviju, peress li tikkonstata, minn naħa, l-assenza ta' limitu f'ċifri fir-rigward tan-numru ta' talbiet għal rimbors li jistgħu jitressqu qabel id-dekadenza u l-possibbiltà għall-persuni taxxabbli li jikkoreġu żbalji eventwali preċedenti billi jressqu talbiet ġodda u, min-naħa l-oħra, l-importanza li għandha f'dan ir-rigward permezz ta' talba mressqa ftit qabel l-iskadenza tat-terminu ta' dekadenza, tqis li huwa essenzjali li jiġi ddeterminat jekk l-amministrazzjoni fiskali hijiex f'pożizzjoni li tieħu deċiżjoni motivata dwar it-talba ta' persuna taxxabbli fl-assenza ta' dettalji fir-rigward tad-differenzi bejn l-ammonti tal-VAT li jinsabu f'din it-talba u dawk li jinsabu fuq il-fatturi mressqa insostenn tagħha.

30 Hija tirrileva x-xebh bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u dawk tad-dritt nazzjonali applikabbli, peress li kemm l-Artikolu 8(2)(e) tad-Direttiva 2008/9 kif ukoll l-Artikolu 4(2)(e) tad-Digriet 32/2009 msemmi fil-punt 18 ta' din is-sentenza jimponu li kull talba tindika bilfors l-ammont tal-VAT. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 20(1) ta' din id-direttiva kif ukoll l-Artikolu 251/F(3) tal-Liġi dwar il-VAT, deċiżjoni ta' rimbors tista' tingħata biss jekk l-amministrazzjoni fiskali jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha sabiex tieħu deċiżjoni fondata, informazzjoni li fosthom tinkludi l-indikazzjoni eżatta tal-ammont tal-VAT li r-rimbors tiegħu huwa mitlub. Fl-aħħar, l-istess bħall-imsemmi Artikolu 20(1), fil-verżjoni tiegħu bil-lingwa Ungeriża, jippermetti lill-amministrazzjoni fiskali li titlob lill-persuna taxxabbli provi addizzjonali dwar l-"informazzjoni essenzjali", meta jeżistu raġunijiet iġġustifikati li jiddubitaw l-eżattezza ta' ċerti talbiet, il-Liġi dwar il-VAT tagħtiha wkoll il-possibbiltà li tikkuntattja lill-persuna taxxabbli f'każ ta' dubju serju dwar l-ammont tat-taxxa tal-input imħallsa li r-rimbors tiegħu huwa mitlub.

31 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-possibbiltà, għall-amministrazzjoni fiskali, li titlob lill-persuna taxxabbli informazzjoni addizzjonali fil-każ fejn, bħal f'dan il-każ, teżisti differenza bejn l-ammont indikat fit-talba għal rimbors u dak li jinsab fil-fatturi ppreżentati insostenn tagħha. Ċertament, jista' jitqies li din id-differenza ma tikkostitwixxix informazzjoni essenzjali fis-sens tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/9, b'tali mod li l-imsemmija amministrazzjoni ma hijiex obbligata li tiġbed l-attenzjoni tal-persuna taxxabbli fuq l-iżball jew l-iżbalji tagħha. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra pjuttost li din l-amministrazzjoni għandha, f'tali każ, titlob informazzjoni addizzjonali, peress li l-eżistenza ta' tali differenza tqiegħed inkwistjoni l-eżattezza tat-talba stess.

32 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l- Kúria (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 20(1) tad-Direttiva tal-Kunsill [2008/9] għandu jiġi interpretat fis-sens li, anki fil-każ ta' differenzi numeriċi evidenti b'detriment għas-suġġett passiv – mingħajr ma tqum il-kwistjoni tal-pro rata – bejn it-talba għal rimbors u l-fattura, l-Istat Membru tar-rimbors jista' jqis li ma huwiex neċessarju li jitlob informazzjoni addizzjonali u li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-informazzjoni rilevanti kollha għall-finijiet tad-deċiżjoni dwar ir-rimbors?"

Fuq id-domanda preliminari

33 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/9 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru li fih titressaq talba għal rimbors tal-VAT minn persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru ieħor milli tqis li għandha biżżejjed elementi sabiex tiddeċiedi dwar l-imsemmija talba mingħajr ma tistieden lil din il-persuna taxxabbli tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

34 Din id-domanda hija magħmula f'kuntest fejn, l-ewwel, teżisti differenza bejn l-ammont tal-VAT fuq it-talba u dak indikat fuq il-fatturi prodotti insostenn tagħha; it-tieni, it-talba titressaq ftit qabel l-iskadenza tat-terminu ta' dekadenza, li jqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-persuna taxxabbli għandhiex dritt tressaq, jew talba għal rettifika, jew talba ġdida, fid-dawl tal-iżbalji indikati mill-amministrazzjoni fiskali, u, it-tielet, fil-preżenza ta' tali differenza, l-amministrazzjoni fiskali tista' teskludi l-ammont tal-VAT li jidher fuq l-imsemmija talba sabiex iżżomm l-ammont imsemmi fil-fattura meta din tal-aħħar tkun inqas, u b'hekk tqis bil-maqlub dak li hemm fuq it-talba meta hija inqas minn dak imsemmi fil-fattura, u għaldaqstant qieset li hija limitata mill-massimu li jikkostitwixxi l-ammont tat-talba għal rimbors, b'tali mod li l-persuna taxxabbli ma tkunx tista' tiġbor b'mod sħiħ l-ammont tal-VAT li għalih tkun intitolata titlob.

35 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2008/9 għandha, skont l-ewwel artikolu tagħha, bħala għan li tiddefinixxi l-modalitajiet ta' rimbors tal-VAT, previst fl-Artikolu 170 tad-Direttiva 2006/112, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rimbors li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/9, u mhux li tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju u l-estensjoni tad-dritt għar-rimbors. Fil-fatt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jipprevedi li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 tagħha u għall-finijiet ta' din tal-aħħar, id-dritt għar-rimbors tal-VAT tal-input imħallsa għandu jiġi ddeterminat skont id-Direttiva 2006/112 kif applikata fl-Istat Membru tar-rimbors. Id-dritt għal persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru li tikseb rimbors tal-VAT imħallsa fi Stat Membru ieħor, kif irregolat mid-Direttiva 2008/9, huwa b'hekk jirrifletti d-dritt, mogħti lilha mid-Direttiva 2006/112, li tnaqqas il-VAT tal-input imħallsa fl-Istat Membru tagħha stess (sentenza tal-21 ta' Marzu 2018, Volkswagen, C-533/16, EU:C:2018:204, punti 34 sa 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

36 Bħad-dritt għal tnaqqis, id-dritt għal rimbors jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (sentenza tat-11 ta' Ġunju 2020, CHEP Equipment Pooling, C-242/19, EU:C:2020:466, punt 53), u ma jistax, bħala prinċipju, jiġi limitat. Dan id-dritt jiġi eżerċitat immedjatament għat-taxxi kollha imposti fuq it-tranżazzjonijiet tal-input imwettqa (sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Rimbors tal-VAT – Fatturi), C-371/19, mhux ippubblikata, EU:C:2020:936, punt 79). Is-sistema ta' tnaqqis u, għaldaqstant, ta' rimbors, hija intiża li teħles kompletament lin-negozjant mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu kollha. Is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi, konsegwentement, in-newtralità fir-rigward tal-piż fiskali tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, irrispettivament mill-għanijiet jew mir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet, bil-kundizzjoni li l-imsemmija attivitajiet ikunu, bħala prinċipju, huma stess suġġetti għall-VAT (sentenza tal-21 ta' Marzu 2018, Volkswagen, C-533/16, EU:C:2018:204, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Dan il-prinċipju fundamentali ta' newtralità tal-VAT jirrikjedi li t-tnaqqis jew ir-rimbors tal-VAT tal-input jingħata jekk ir-rekwiżiti sostantivi jkunu ssodisfatti, anki jekk il-persuni taxxabbli jkunu naqsu milli jissodisfaw ċerti rekwiżiti proċedurali (sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Rimbors tal-VAT – Fatturi), C-371/19, mhux ippubblikata, EU:C:2020:936, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Madankollu, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/9 stess jistabbilixxi limitu għad-dritt għar-rimbors tal-VAT, billi jipprovdi li t-talba għal rimbors għandha titressaq lill-Istat Membru ta' stabbiliment sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' wara l-perijodu ta' rimbors, fejn dan l-Istat għandu għalhekk jibgħat l-imsemmija talba lill-Istat Membru ta' rimbors, sakemm waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' trażmissjoni elenkati fl-Artikolu 18 ta' din id-direttiva ma tipprekludix dan.

39 Dan l-ewwel kontroll imwettaq mill-Istat Membru ta' stabbiliment huwa kkompletat minn dak imwettaq mill-Istat Membru tar-rimbors, fejn dan tal-aħħar jista', għal dan il-għan, skont l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/9, jitlob informazzjoni addizzjonali mingħand ir-rikorrent jew mingħand l-Istat Membru ta' stabbiliment.

40 Għandu jiġi rrilevat li, għalkemm din l-aħħar dispożizzjoni tinvolvi ċerti differenzi fil-formulazzjoni skont il-verżjonijiet lingwistiċi tagħha, dawn id-differenzi ma jbiddlux is-sustanza tal-imsemmija dispożizzjoni, peress li l-informazzjoni li tista' tintalab mill-Istat Membru ta' rimbors hija dik li għandha tippermettilu jiddeċiedi dwar it-talba għal rimbors kollha jew parti minnha, kif jirriżulta, barra minn hekk, mill-istruttura ġenerali tad-Direttiva 2008/9 u mill-għan tal-Artikolu 20 ta' din tal-aħħar.

41 Hemm lok li jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlatur tal-Unjoni, peress li kkonstata, kif tindika l-premessa 1 tad-Direttiva 2008/9, il-fatt li l-mekkaniżmu ta' rimbors tal-VAT kien iqajjem "problemi konsiderevoli, kemm għall-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri kif ukoll għan-negozji", iddeċieda, kif tesponi l-premessa 2 ta' din id-direttiva, li jirrendi iktar fluwidu l-proċess ta' dan ir-rimbors "għall-perijodu li matulu d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw applikazzjonijiet għal rifużjoni jiġu notifikati lin-negozji", li jiġu imposti termini li fihom dawn tal-aħħar "għandhom jagħtu tweġibiet" u li tippermetti l-użu ta' posta elettronika għall-komunikazzjoni ta' deċiżjonijiet u ta' tweġibiet sabiex "tiġi ssimplifikata u mmodernizzata billi tippermetti l-użu ta' teknoloġiji moderni".

42 L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/9 għandu jinftiehem f'din il-loġika ta' fluwidifikazzjoni, fis-sens li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jevita li, permezz ta' talbiet għal informazzjoni ta' dewmien, l-Istat Membru ta' rimbors idewwem l-obbligu tiegħu ta' rimbors jew inaqqas l-effettività tiegħu. Din hija r-raġuni għalfejn din id-dispożizzjoni tippreċiża li t-talbiet għal informazzjoni addizzjonali għandhom jirrigwardaw dak li jippermetti lill-amministrazzjoni fiskali kkonċernata li tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni. Sabiex tippermetti n-newtralità tal-mekkaniżmu tal-VAT permezz ta' rimbors sħiħ ta' din tal-aħħar, it-talbiet għal informazzjoni għandhom għalhekk jirrigwardaw l-informazzjoni kollha rilevanti, u għalhekk neċessarja, għal dan il-għan.

43 F'dan il-każ, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, peress li kkonstatat diskrepanzi bejn l-ammonti ta' VAT imressqa fuq it-talba għal rimbors u dawk li jinsabu fil-fatturi prodotti insostenn ta' din it-talba, l-amministrazzjoni fiskali Ungeriża użat il-possibbiltà prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/9 billi talbet informazzjoni addizzjonali mingħand ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Min-naħa l-oħra, ladarba

din l-informazzjoni tiġi eżaminata, hija ma rrikorrietx għall-possibbiltà li tinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(1) ta' din id-direttiva, li titlob informazzjoni addizzjonali oħra, peress li qieset li hija ċċarata biżżejjed sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għal rimbors.

44 Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punt 23 ta' din is-sentenza, hija setgħet tidentifika, mill-elementi pprovduti mill-persuna taxxabbli, tliet tipi ta' talbiet, jiġifieri, l-ewwel, dawk li diġà taw lok għal rimbors, li għalihom hija għalhekk ma wettqitx rimbors ġdid, it-tieni, dawk li jikkorrispondu għal fatturi li l-ammont tal-VAT tagħhom kien inqas minn dak kopert mit-talba għal rimbors, li għalihom hija għamlet rimbors sal-ammont tal-VAT indikat fuq l-imsemmija fatturi, u, it-tielet, dawk li għalihom l-ammont ta' VAT li jidher fuq il-fatturi kkonċernati kien ogħla minn dak indikat fit-talba għal rimbors, li taw lok biss għal rimbors parzjali, sal-ammont li jinsab fl-imsemmija talba. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkontesta biss ir-rifjut tal-amministrazzjoni fiskali Ungeriża fir-rigward ta' dan it-tielet tip ta' talbiet.

45 F'dan ir-rigward, mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Ungeriż jirriżulta li dan ir-rifjut huwa intiż sabiex l-amministrazzjoni fiskali qieset lilha nnifisha marbuta mill-ammont tal-VAT indikat fit-talba għal rimbors u ma riditx tirrimborsa iktar minn dak li kien indikat fiha, anki jekk l-ammont tal-VAT fuq il-fatturi kien potenzjalment juri dritt għal rimbors ogħla.

46 F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemm bżonn li jiġu bbilanċjati l-obbligi imposti fuq il-persuna taxxabbli u dawk li jaqgħu fuq l-amministrazzjoni fiskali nazzjonali kkonċernata. B'hekk, għandu jitfakkar li l-persuna taxxabbli tinsab fl-aħjar pożizzjoni li tkun taf ir-realtà tat-tranżazzjonijiet li għalihom hija tressaq talba għal rimbors u li għalhekk għandha, tal-inqas sa ċertu punt, tbati l-konsegwenzi tal-aġir amministrattiv tagħha. Hija marbuta, b'mod partikolari, bl-indikazzjonijiet li jagħti fil-fatturi li huwa joħroġ u, b'mod partikolari, permezz ta' dawk dwar l-ammont ta' VAT u r-rata applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112.

47 Barra minn hekk, fil-kuntest tal-ġurisprudenza dwar il-possibbiltà għall-Istati Membri li jintroduċu terminu ta' dekadenza fil-qasam ta' tnaqqis tal-VAT, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tenfasizza li tali terminu, li l-iskadenza tiegħu għandu bħala konsegwenza li jissanzjona lill-persuna taxxabbli li ma hijiex suffiċjentement diliġenti, ma tkunx ikkunsidrata bħala inkompatibbli mas-sistema stabbilita mid-Direttiva 2006/112, sakemm, minn naħa, li dan it-terminu japplika bl-istess mod għad-drittijiet simili fil-qasam fiskali bbażati fuq id-dritt intern u għal dawk ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' ekwivalenza) u, min-naħa l-oħra, li fil-prattika ma jagħmilx impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT (prinċipju ta' effettività) (sentenza tal-21 ta' Marzu 2018, Volkswagen, C-533/16, EU:C:2018:204, punt 47).

48 Bħala korollarju ta' dawn l-obbligi imposti fuq l-awtur ta' talba għal rimbors, għandu jiġi indikat li, għalkemm id-Direttiva 2008/9 ma tinkludix dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà għalih li jirrettifika t-talba tiegħu għal rimbors, minbarra fl-ipoteżi partikolari ta' emenda tal-prorata, prevista fl-Artikolu 13 ta' din id-direttiva u li ma hijiex rilevanti f'dan il-każ, jew dwar dik ta' preżentazzjoni ta' talba ġdida għal rimbors wara l-irtirar tal-ewwel waħda, għandu madankollu jitfakkar li, meta Stat Membru jimplimenta d-dritt tal-Unjoni, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt għal amministrazzjoni tajba, li jirrifletti prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-dritt ta' kull persuna li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u f'terminu raġonevoli, huma applikabbli fil-kuntest ta' proċedura ta' verifika fiskali. Dan il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jeżiġi li awtorità amministrattiva bħall-awtorità tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali twettaq, fil-kuntest tal-obbligi ta' verifika li hija għandha, eżami

diliġenti u imparzjali tal-aspetti rilevanti kollha b'mod li tiżgura ruħha li hija jkollha, waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha, l-iktar elementi kompleti u affidabbli possibbli sabiex tagħmel dan (sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Agrobet CZ, C-446/18, EU:C:2020:369, punti 43 u 44).

49 Konsegwentement, jekk il-persuna taxxabbli twettaq żball jew żbalji fit-talba tagħha għal rimbors u jekk la hija u lanqas l-awtorità fiskali kkonċernata ma tinduna bihom iktar tard, hija ma tistax titfa' r-responsabbiltà fuq l-imsemmija amministrazzjoni, sakemm l-imsemmija żbalji ma jkunux ta' natura li faċilment tinnotahom, f'liema każ din għandha tkun f'pożizzjoni li tikkonstatahom fil-kuntest tal-obbligi ta' verifika li hija għandha skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

50 F'dan il-każ, kif tfakkar fil-punti 21 u 23 ta' din is-sentenza, l-amministrazzjoni fiskali Ungeriża kkonstatat diskrepanzi bejn l-ammonti ta' VAT li jinsabu fit-talba għal rimbors u dawk li jinsabu fuq ċerti fatturi prodotti, li insegwitu talbet informazzjoni addizzjonali mingħand ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, u sussegwentement, billi qieset li kienet infurmata biżżejjed, iddeċidiet, fl-osservanza tal-ittra tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/9. Hija ma kinitx obbligata, jekk din l-informazzjoni kienet effettivament suffiċjenti, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, li tagħmel talba ġdida għal informazzjoni addizzjonali li tirriżulta inutli.

51 Madankollu, peress li, hekk kif tfakkar fil-punti 36 u 37 ta' din is-sentenza, id-dritt għar-rimbors jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni u li l-prinċipju ta' newtralità tal-VAT jeżiġi li t-tnaqqis jew ir-rimbors tal-VAT tal-input imħallsa jingħata jekk ir-rekwiżiti sostantivi jiġu ssodisfatti, għandu jiġi ddeterminat jekk, meta ddeċidiet kif għamlet f'dan il-każ l-awtorità fiskali tal-ewwel grad skont il-qorti tar-rinviju, jiġifieri billi ħalliet lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali l-piż ta' ammont ta' VAT li kienet taf li hija dovuta lilha, iżda li l-kontradizzjoni tagħha mal-ammont attwali muri fuq it-talba għal rimbors kienet ostaklu għall-irkupru, l-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru tar-rimbors tikser l-imsemmi prinċipju ta' newtralità jew, jekk ikun il-każ, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

52 Il-fatt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqet it-talba tagħha għal rimbors fit-28 ta' Settembru 2017, filwaqt li t-terminu ta' dekadenza skada fit-30 ta' Settembru 2017, ma huwiex rilevanti, peress li, skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2008/9, l-Istat Membru ta' rimbors għandu terminu ta' erba' xhur sabiex jiddeċiedi minn meta jirċievi t-talba għal rimbors. Minn dan jirriżulta li, filwaqt li jitfakkar mill-ġdid li hija l-persuna taxxabbli li għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-kontenut tat-talba tagħha, it-termini inerenti għall-eżami ta' talba għal rimbors iwasslu, f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali, sabiex wieħed jistaqsi dwar l-obbligu tal-imsemmija amministrazzjoni li tistieden lill-imsemmija persuna taxxabbli, mhux sabiex tressaq talba ġdida, iżda sabiex tirrettifika t-talba inizjali tagħha skont il-kummenti li hija tkun għamlitilha.

53 F'dan ir-rigward, ġaladarba l-persuna taxxabbli tiġi mistiedna mill-amministrazzjoni fiskali, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u b'mod konformi mal-prinċipju ta' newtralità tal-VAT, li skontu, kif tfakkar fil-punt 37 ta' din is-sentenza, ir-rimbors tal-VAT tal-input imħallsa għandu jingħata jekk ir-rekwiżiti sostantivi jkunu ssodisfatti, anki jekk ċerti rekwiżiti formali jkunu omessi mill-persuni taxxabbli, li tirrettifika t-talba tagħha wara li hija tkun skopriet żball li jivvizzjaha, għandu jiġi rrilevat li, peress li talba għal rettifika hija bbażata fuq it-talba inizjali, hija tqieset li saret fid-data ta' din tal-aħħar, jiġifieri, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' dekadenza. Fl-assenza ta' dispożizzjoni tad-Direttiva 2008/9 li tirregola

l-possibbiltà li tiġi rrettifikata talba għal rimbors, minbarra l-ipoteżi partikolari msemmija fl-Artikolu 13 ta' din id-direttiva u li ma hijiex rilevanti f'dan il-każ, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet tagħha, skont l-imsemmija prinċipji.

54 B'hekk, meta, wara żball debitament innotat mill-persuna taxxabbli, l-amministrazzjoni fiskali kkonċernata setgħet tistabbilixxi b'ċertezza l-ammont tal-VAT li għandha tiġi rrimborsata lilha, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jobbligaha, permezz tal-mezzi li jidhrulha l-iktar xierqa, li tinforma b'dan b'diliġenza lill-persuna taxxabbli sabiex tistedinha tirrettifika t-talba tagħha għal rimbors, sabiex hija tkun tista' tilqagħha.

55 Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' tali stedina, l-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru kkonċernat tippreġudika b'mod sproporzjonat il-prinċipju ta' newtralità tal-VAT, billi tħalli għall-persuna taxxabbli l-piż tal-VAT li hija intitolata tikseb ir-rimbors tagħha, filwaqt li s-sistema komuni tal-VAT hija intiża li teħles kompletament lin-negozjant mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi kollha tiegħu.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2008/9, moqri fid-dawl tal-prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru ta' rimbors, fil-każ fejn din tkun kisbet iċ-ċertezza, jekk ikun il-każ fid-dawl tal-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-persuna taxxabbli, li l-ammont tal-VAT tal-input effettivament imħallas, kif imsemmi fil-fattura mehmuża mat-talba tagħha, tkun ogħla minn din it-talba, hija tagħmel rimbors tal-VAT sa dan l-aħħar ammont biss, mingħajr ma tkun stiednet lill-persuna taxxabbli minn qabel, b'diliġenza u bl-użu tal-mezzi li jidhru l-iktar xierqa għaliha, sabiex tirrettifika t-talba tagħha għal rimbors permezz ta' talba meqjusa li ġiet sottomessa sad-data tat-talba oriġinali.

Fuq l-ispejjeż

57 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 20(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor, moqri fid-dawl tal-prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-amministrazzjoni fiskali tal-Istat Membru ta' rimbors, fil-każ fejn din tkun kisbet iċ-ċertezza, jekk ikun il-każ fid-dawl tal-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-persuna taxxabbli, li l-ammont tal-VAT tal-input effettivament imħallas, kif imsemmi fil-fattura mehmuża mat-talba tagħha, ikun ogħla minn din it-talba, tagħmel rimbors tal-VAT sa dan l-aħħar ammont biss, mingħajr ma tkun stiednet lill-persuna taxxabbli minn qabel, b'diliġenza u bl-użu tal-mezzi li jidhru l-iktar xierqa għaliha, sabiex tirrettifika t-talba tagħha għal rimbors permezz ta' talba meqjusa li ġiet sottomessa sad-data tat-talba oriġinali.

Firem